# News Releases



# L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP): April tal-2023

NR100/2023 Data tal-Ħruġ: 09 ta' Ġunju 2023 Data tal-Għeluq: 05 ta' Ġunju 2023

*F'April tal-2023, il-produzzjoni industrijali żdiedet b'14.3 fil-mija meta mqabbla ma' April 2022.*



L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP) huwa indikatur taċ-ċiklu tan-negozju. Kull xahar, huwa jieħu qies bikri tat-tibdil fil-volum tal-produzzjoni industrijali tan-negozji domestiċi fil-manifattura, l-enerġija, u l-barrieri f'Malta.

**Il-Produzzjoni Industrijali Sħiħa – Tqabbil ma' sena qabel**

F'April tal-2023, l-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali tela' b'14.3 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar fl-2022. Meta ma ntgħaddietx l-enerġija, l-Indiċi tela' b'10.6 fil-mija (Ċart nru 1).

## Ċart 1. Paragun annwali tal-produzzjoni industrijali sħiħa

Id-differenza perċentwali li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta' qabel




**Il-Prodott tal-Manifattura – Tqabbil ma' sena qabel**

F'April tal-2023, il-prodott tal-manifattura tela' b'10.3 fil-mija. L-akbar żjieda kienet irreġistrata fil-manifattura ta' prodotti kimiċi u tal-farmaċewtika (54.4 fil-mija), segwita mill-manifattura ta' prodotti tal-kompjuters, tal-elettronika, tal-vista, u ta' vetturi bil-mutur (14.9 fil-mija) u mill-produzzjoni ta' prodotti tal-ikel u x-xorb (11.2 fil-mija). Min-naħa l-oħra, kien irreġistrat tnaqqis fil-produzzjoni ta' prodotti tal-lastku, plastik u prodotti oħra minerali mhux tal-metall (4.1 fil-mija) (Ċart nru 2).

## Ċart 2. Il-prodott tal-manifattura - paragun annwali ta' ċerti oqsma

Id-differenza li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta' qabel




**Il-Produzzjoni Industrijali – Tqabbil ma' sena qabel mqassam bl-iggruppar industrijali ewlieni**

Il-Gruppamenti Industrijali Ewlenin (MIGs) jagħtu analiżi alternattiva tal-istatistika tal-attivitajiet ekonomiċi kklassifikati skont kategoriji ta' użu aħħari. Huma jgħaqqdu flimkien diversi taqsimiet, gruppi u klassijiet tan-NACE (ara t-tabella metodoloġika għal aktar tagħrif).

F'April tal-2023, il-produzzjoni tal-enerġija, ta' oġġetti tal-konsum u ta' oġġetti kapitali żdiedet b'31.9 fil-mija, b'20.3 fil-mija, u b'4.3 fil-mija rispettivament. Għall-kuntrarju ta' dan, il-produzzjoni ta' oġġetti intermedji naqset b'0.3 fil-mija (Ċart nru 3).

## Ċart 3. Paragun annwali mqassam bl-iggruppar industrijali ewlieni

Id-differenza perċentwali li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta' qabel




**Il-Produzzjoni Industrijali aġġustata għall-effetti tal-istaġun – Tqabbil ma' xahar qabel**

Dehra aktar ċara tal-iżviluppi ekonomiċi tista' tinkiseb meta l-indiċijiet ikunu aġġustati għall-effetti tal-istaġun. Dawn l-effetti, li jitfaċċaw minn żmien għal żmien, jitneħħew mis-serje tal-indiċi sabiex ikunu jistgħu jsiru l-paraguni xahar ma' xahar (ara l-punti metodoloġiċi 5 u 6).

F'April 2023, l-indiċi tal-produzzjoni industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun naqas bi 2.5 fil-mija meta mqabbel max-xahar ta' qabel sabiex laħaq 112.6-il punt (2015=100) (Ċart nru 4).

## Ċart 4. L-Indiċi tal-produzzjoni industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun

Indiċi (2015 = 100)

